# KSU LAQGHA GENERALI ANNWALI 2016

**Date: 13 ta' April, 2016**
**Post: Sala Sir Temi Zammit – Universita' ta' Malta**
**Hin: 11:30 am**

**12:15pm**

Il-bibien jingħalqu.

Skond il-proċedura tal-Laqgħa hekk deskritt f'Artiklu 11 ta' l-istatut tal-KSU, hekk approvat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2015, Andrew Muscat, Segretarju Ġeneral tal-KSU jilqa' lill dawk prezenti għall-Laqgha Ġenerali Annwali u jitlob biex jingħalqu l-bibien.

In –numru ta' nies fis –sala skond l-Assistenta tar-Reġistratur huwa ta' mija u għoxrin persuna (120). Is – Segretarju Ġenerali jispjega li minħabba li l-kworum kien għadu ma ntlaħaqx, ser jerġgħu jinfetħu l-bibien. Il-Laqgħa titmexxa bi tletin (30) minuta sakemm jintlaħaq il-kworum.

Il-bibien jinfetħu u jerġgħu jibdew deħlin l-istudenti.

**12:45pm**

Is-Segretarju Ġenerali jitlob li jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala huwa ta' mitejn tlieta u erbgħin (243). Skond l-Artiklu 11 il-kworum intlaħaq u għalhekk il-bibien jinfetħu w tibda l-Laqgħa Ġenerali Annwali 2016.

Is-Segretarju Ġenerali Andrew Muscat jinforma lill-membri preżenti li għall-fini ta' trasparenza l-Kumissarju ta' L-Edukazzjoni , Matthew Bonello u l-PRO, Daniel Vella, it-tnejn fi ħdan il-KSU, ma kienux għadhom Studenti fl-Universita' ta' Malta u b'hekk m'għandhomx id-dritt tal-vot waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Ukoll prezenti li m'għandhomx dritt għall vot huma Daniela Fitzpatrick, Segretarja fi ħdan il-KSU, Paul Steinbeck, Intern mal-KSU, u l-fotografu Jean Claude Vella.

Is-Segretarju Ġenerali isejjaħ għal-ħatra tat-'Tellers'. Huwa jipproponi tnejn (2) għal kull ringiela tal-ġenb u erba' (4) għar-ringiela tan-nofs. Tmien (8) tellers b'kollox. L-istudenti maħtura jkunu dawn li ġejjin:

1. Ian Zahra jipproponi lil Matthew Dougall, Jeanette Gillard, Sarah Sciberras, Gabriel Camilleri.
   Gabriel Micallef jissekonda.
2. Wayne Sammut jipproponi lil Clive Aquilina, Ayrton Mifsud, Julian Guillaumier u Thomas Camilleri.
   Fleur Abela tissekonda.

It-Tellers jigu maħtura u jieħdu posthom.


HSBC 89.7 Bay KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

Is Segretarju Ġenerali  ukoll javża li preżenti fis-sala hemm rappresentanza tal Medja. Charles Zammit għall Insite u Roberta Carabott għat-Third Eye.

## 1. ĦATRA TAS-SEDJA

Andrew Muscat, Segretarju Ġenerali tal-KSU, isejjaħ vot għall –hatra tas-Sedja u jipproponi lis Sur Michael Agius .   Rebecca Micallef, President tal-KSU tissekonda.

Ħadd aktar ma jiġi nnominat.  Jingħalqu l-bibien.  Numru ta' nies fis-sala mitejn tlieta u erbgħin (243).  Jittieħed il-vot:

| | |
|---|---|
| **Vot Kontra** | **0** |
| **Astenzjonijiet:** | **0** |
| **Voti favur:** | **243** |

Is-sedja tiġi maħtura.  Jinfetħu l-bibien.

Is-sedja Michael Agius jirringrazzja lill-President u l-Membri tal- KSU u dawk kollha preżenti .  Jitlob lill-dawk preżenti għal-laqgħa biex jintfew il–mowbajls u jħeġġeġ lis-studenti biex id-diskussjoni tkun waħda matura, hekk kif meħtieg mill-ogħla istituzzjoni ta' l-istudenti.

Huwa jgħid ukoll li għall kull punt ser tissejjaħ 'Speakers List' u l-istudenti fuq din il-lista għandhom jagħmlu l-punt tagħhom minn fuq il-mikrofonu provdut.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-AĠENDA

Is-Sedja ssejaħ biex jingħalqu l-bibien.   L-Aġenda tiġi mtella fuq lis-screen preżenti.

Numru ta' nies fis-sala mitejn tnejn u tletin (232).  Jittieħed il-vot.

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **17** |
| **Voti Favur:** | **215** |

L-Aġenda tiġi approvata u jinfetħu l-bibien.

## 3. MINUTI:  Rapport għal-Minuti u Approvazzjoni

Is-Segretarju jispjega li l-minuti mhux ser jinqraw u li jinstabu fuq il-website tal-KSU.

Is-Sedja jikkwota l-istatut tal-KSU, Appendiċi: Taqsima 4, Punt 23, li jgħid hekk:

***"Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali preċedenti ma jinqrawx iżda jkunu għad-disposizzjoni tal-imseħbin sa mhux inqas minn tlett (3) ijiem qabel."***



HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

Jgħid ukoll li l-minuti tas-sena 2015 huma disponibbli fuq il-mejda ġewwa s-sala.

Jingħalqu l-bibien. In-numru ta'nies preżenti fis-sala mitejn u ħmistax (215).

Is-sedja jitlob il-vot fuq l-approvazzjoni tal-minuti.

Jittiehed l-Vot:

| | |
|---|---|
| **Vot Kontra** | **0** |
| **Astensjonijiet** | **0** |
| **Voti Favur** | **215** |

Il-minuti jiġu approvati. Jinfetħu il-bibien.

## 4. RAPPORT ANNWALI

Is-Sedja jispjega li din is-sena l-membri tal-KSU ser jaqraw ir-rapporti b'għajnuna ta' viżwal. Huwa jgħid li ser jittieħed vot wara r-Rapport Amministrattiv. Jinbdew jinqraw ir-rapporti tal-President , tal-Vici President , tas-Segretarju Ġenerali u tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi. Wara jisejjah vot għall-approvażżjoni ta' dawn ir-rapporti.

Is-Sedja tavża li dawk preżenti li jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom wara r-rapport tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi.

**Rapport Amministrattiv**

Is-Segretarju Ġenerali Andrew Muscat jaqra r-Rapport Amministrattiv għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-istatut.

Is-Sedja jitlob għal 'Speakers' List biex tinfetaħ diskussjonii fuq ir-Rapport Amministrattiv. Ma jkun hemm l-ebda intervent.

Jissejaħ il-vot u jingħalqu l-bibien. Numru ta; nies fil-kamra mitejn u sittien (260)

| | |
|---|---|
| **Kontra:** | **0** |
| **Astenzjonijiet:** | **16** |
| **Favur:** | **244** |

Ir-Rapport Amministrattiv jiġi approvat. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jgħid li ser jinqraw ir-Rapporti Annwali skont l-ordni tal-istatut kif ġie spjegat qabel. Wara li dawn ir-rapporti jiġu moqrija kollha ser tinfetaħ diskużżjoni fejn l-ewwel jittieħdu l-mistoqsijiet kollha imbagħad il-membri tal-Ezekuttiv iwieġbu skont il-qasam. Meta d-diskussjoni tintemm jittieħed vot fuq ir-rapporti en bloc. Jinqraw ir-rapporti f'din l-ordni:

- Rapport tal-President jinqara minn Rebecca Micallef;
- Rapport tal-Vici President jinqara minn Andrew Borg Wirth;
- Rapport tas-Segretarju Generali jinqara minn Andrew Muscat;


HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

- Rapport Finanzjarju jinqara minn Philip Mizzi;
- Rapport tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi minn Daniel Vella;

Is-sedja titlob lil Philip Mizzi, Uffiċjal Finanzjarju sabiex jgħaddi għall-qari tar-rapport Finanzjarju.

**RAPPORT FINANZJARJU**

L-Uffiċjal Finanzjarju jaqra r-Rapport Finanzjarju għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-iStatut.

Is-Sedja jitlob għal Speakers' List biex tinfetaħ diskussjoni. Ħadd ma jintervjeni.

Jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fil-kamra mitejn u sittien (260).

| | |
|---|---|
| **Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **16** |
| **Voti Favur:** | **244** |

Ir-Rapport Finanzjarju jiġi approvat. Jinfetħu l-bibien.

Jinqara l-aħħar rapport mill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi Daniel Vella.

Is-Sedja jitlob sabiex tittieħed Speakers' List. Ħadd ma jintervjeni.

Jingħalqu l-bibien u s-Sedja jsejjaħ il-vot. Numru ta' nies fis-sala mitejn u sittien (260).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **17** |
| **Voti Favur:** | **244** |

Ir-Rapporti jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jgħid li ser jinqraw il-kumplament tar-Rapporti Annwali skont l-ordni tal-istatut. Wara li r-rapporti jiġu moqrija kollha ser tinfetaħ diskussjoni fejn l-ewwel jittieħdu l-mistoqsijiet kollha imbagħad il-membri tal-Eżekkutiv iwieġbu skont il-qasam. Meta d-diskussjoni tintemm jittieħed vot fuq ir-rapporti en bloc.

Ir-Rapporti jiġu moqrija:

L-ewwel rapporti jiġu moqrija mill-uffiċjali tal-Uffiċju Internazzjonali fi ħdan il KSU Becky Dalli u Mark Trapani.

It-tieni rapporti jiġu moqrija mill-uffiċjali tal-Uffiċju ta l-Edukazzjoni fi ħdan il KSU Matthew Bonello u Ryan Falzon.

It-tielet rapporti jiġu moqrija mill-uffiċjali ta' l-uffiċju KPS fi ħdan il-KSU Emma Portelli Bonnici u Robert Napier.



HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

Ir-raba u l-aħħar rapporti jiġu moqrija mill-uffiċjali ta' l-Uffiċju tal-Kultura u Divertiment Gilbert Amato Gauci u Steph Dalli.

Is-Sedja Michael Agius jitlob għal Speakers List. Minħabba li ma jkunx hemm mistoqsijiet, is-sedja jitlob sabiex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ għal-vot fuq ir-Rapporti Annwali.

Jinghalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mitejn erbgħa u ħamsin (254)

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **15** |
| **Voti favur:** | **239** |

Ir-rapporti annwali jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jinformaw lill dawk preżenti fis-sala li ser jinqara wkoll ir-Rapport tal-Gozo Liason Officer hekk kif maqbul fil-Laqgha Ġenerali Annwali 2015.

Joseph Louis Grech, Acting President tal-Għaqda Studenteska GUG, jaqra r-rapport mħejji.

## 3. ĦATRA TAL-BORD TAD-DIXXIPLINA U TAL-BORD TAL-APPELL

Is-Sedja jispjega li skont l-istatut tal-KSU ser jinħatru ħames (5) membri għal-Bord tad-Dixxiplina u zewġ (2) membri oħra riżerva. Ghall-Bord tal-Appell jiġu maħtura tlett (3) membri u riżerva waħda (1). Il-vot ser jissejaħ fl-aħħar fuq iż-żewġ bordijiet. Is-Sedja jitlob għan-nominazzjonijiet.

**BORD TAD-DIXXIPLINA**

1. Kenneth Terribile
2. Luke Muscat
3. Maria Muscat
4. **Ayrton Saffret - Riserva**

Dawn l-istudenti ġew inominati minn Ian Zahra u sekondati minn Gianluca Sciberras.

5. Fleur Abela
6. Rachel Sammut
7. **Matthew Charles Zammit - Riserva**

Dawn l-istudenti gew inominati minn Wayne Sammut u sekondati minn Thomas Camilleri.

**BORD TAL-APPELL**

1. Gayle Lynn Callus
2. Michael Piccinino
3. **Nigel Micallef – Riserva**

Dawn l-istudenti gew inominati min Ian Zahra u sekondati minn Gianluca Sciberras.


HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

4. Edward Cachia

Nominat minn Wayne Sammut u sekondat minn Thomas Camilleri

Is-Sedja jitlob biex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ il-Vot. Numru ta' nies fis-sala mitejn disa u erbgħin (249)

**Voti Kontra:** **0**
**Astenzjonijiet:** **24**
**Voti Favur:** **225**

Il-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell jiġu approvati.

## 6: HATRA TAL-AWDITUR

L-Uffiċjal Finanzjarju, Philip Mizzi sekondat minn Rebecca Micallef, jinnomina lil PKF bħala Awdituri għas-sena 2016. Ma jkun hemm l-ebda nominazzjoni oħra.

Is-Sedja jsejjaħ għal-vot. Numru ta' nies fis-sala mitejn disa u erbgħin (249).

**Voti Kontra:** **0**
**Astensjonijiet:** **16**
**Voti favur:** **233**

Il-Kumpanija PKF jiġu maħtura bħala Awdituri għas-sena 2016.

## 8. ĦATRA TAL- AVUKAT

Rebecca Micallef, President fi ħdan il-KSU, tinforma lil dawk preżenti li l-Avvukat preżenti tal-KSU, Dott. Thomas Bugeja, mhux ser jkompli fil-kariga tiegħu bħala Avukat tal-KSU. Rebecca Micallef kompliet billi rringrazjat lill Dott. Bugeja tax-xogħol siewi li wettaq matul din is-sena.

Hija tgħid li Dott. Peter Fenech aċċetta li jirrapreżenta lill KSU għas-sena 2016/2017 u b'hekk hi ħa tinnomina lilu. Philip Mizzi jissekonda din in-nomina.

Is-Sedja jsejjaħ għall-vot. Jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mitejn disa u erbghin (249).

**Voti Kontra:** **0**
**Astensjonijiet:** **18**
**Voti Favur:** **231**

L-Avukat Dott. Peter Fenech jiġi kkonfermat.


HSBC 89.7 Bay KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

## 9. ĦATRA TAL-PERIT

Rebecca Micallef, President, tinnomina lil Perit Duncan Muscat bħala Perit tal-KSU, sekondata minn Philip Mizzi. Is-Sedja jitlob biex jingħalqu l-bibien sabiex jittieħed vot.

Numru ta' nies fis-sala mitejn disa u erbgħin (249).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **16** |
| **Voti Favur:** | **233** |

Perit Duncan Muscat jiġi approvat bħala Perit tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ġenerali jibda jispjega li issa ħa jgħajjat in-nominazzjonijiet tal membri tal Eżekkutiv ġdid fi ħdan il-KSU. Is-Segretarju jiġi mwaqqaf mis-Sur Anton d'Amato, li jgħid li l-Aġenda mhiex qed titmexxa skond l-iStatut.

Is-Sur D'Amato jispjega li l-ħatra tal-Kummisjoni Elettorali għandha tiġi maħtura qabel ma jiġu nnominati l-membri tal Eżekkutiv, jibqa jgħid li dan li qed jgħid huwa skond is-Statut, il-prassi hija li l'ordni ta' l-Aġenda ma tinbidielx. Is-Segretarju Ġenerali jinsisti mas-Sur d'Amato li la darba l-Aġenda ġiet approvata, allura ma sar l-ebda ksur fir-regoli ta' l-Istatut.

Is-Sur Gayle Lynn Callus saqsa lis-Sedja biex jgħaddi kumment, Kompla biex jgħid li għalkemm hu jaqbel mas Sur D'Amato, imma jissugerixxi li għall-fini ta' din il-laqgħa li l-aħjar huwa li nipproċedu kif maqbul fl-Aġenda fil-bidu ta' din il-laqgħa.

## 10. NOMINAZZJONIJIET U PREŻENTAZZJONI TAL-KANDIDATI TAL-EŻEKKUTIV IL-ĠDID

Is-Sedja titlob lis-Segretarju Ġenerali Andrew Muscat sabiex jgħaddi n-nominazzjonijiet li waslu fi ħdan il-KSU.

**<u>Kandidati għall-Għaqda SDM</u>**

President - Steph Dalli – Proposta minn Nicole Borg, sekondata minn Denise Balzan
Vici President – Mark Trapani- Propost minn Sarah Vella, sekondat minn Kimberly Lowell
Segretarju Ġenerali – Robert Napier – Propost minn Janica Borg, sekondat minn Roberta Carabott
Ufficcjal Finanzjarju – Joseph Teuma – Propost minn Joselyn Teuma, sekondat minn John Vella
Ufficjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Anna Vella – Proposta minn Sarah Vella
Uffiċċjal Internazzjonali – Martina Briffa – Proposta minn Michael Aquilina, sekondata minn Owen Micallef
Koordinatur Internazzjonali – Julia Portanier – Proposta minn Ernest Mercieca, sekondata minn Raquel Cutajar
Koordinatur Politika Socjali – Etienne Buttigieg – Propost minn Kenneth Zerafa, sekondat minn Kyle Sultana


HSBC Bay KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

Koordinatur Edukazzjoni – Rebecca Stoner – Proposta minn Julian Grech, sekondata minn Alice Stanton
Uffiċjal Kultura u Divertiment - Denis Muscat – Proposta minn Lee Grech, sekondata minn Martina Miggiani
Koordinatur Kultura u Divertiment – Steve Zammit Lupi – Propost minn Luigi Fenech, sekondat minn Jeanette Gillard

Is-sedja tistieden lill kull nominat biex jagħmel id-diskors tiegħu. Wara d-diskorsi kollha, is-Sedja jsaqsi jekk m'hemmx xi oġġezzjonijiet. L-ebda oġġezzjoni ma tiġi ppreżentata u għalhekk l-Eżekkutiv il-ġdid fi ħdan il-KSU jiġu kollha eletti.

## 11. DISKUSSJONI U VOTAZZJONI FUQ IL-MOZZJONIJIET IMRESSQA MILL-EŻEKKUTIV JEW L-IMSIEĦBA

Is-Segretarju Ġenerali jippreżenta l-mozzjonijiet statutorji u ser jinqraw wieħed wieħed. Wara kull mozzjoni tinfetaħ id-diskussjoni. Wara jittieħed vot fuq kull mozzjoni.

Is-Segretarju jibda jaqra il-mozzjonijiet mressqa:

A1 Mozzjoni proposta minn Ian Zahra u sekondata minn Wayne Sammut. Jipproponi ammenda fl-artiklu 17, sezzjoni Kummissjonijiet.

***Il-mozzjoni tgħid hekk:***
**Nipproponi din l-emenda: Jiżdied l-artiklu 17.5 li jaqra is-sottostanti:** ***"Votazzjoni pubblika online tista' tissejjaħ meta membru sħiħ tal-KSU jagħmel talba bil-miktub lill-Kummissarju Edukazzjoni, fil-kaz ta' suġġett ta' natura edukattiva, jew lill-Kummissarju Politika Soċjali, fil-każ ta' suġġett ta' natura ta' Politika Soċjali u l-Kummisjoni rispettiva tapprova din it-talba b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti".***

A2 Mozzjoni proposta minn Ian Zahra u sekondata minn Wayne Sammut. Jipproponi li jssir ammenda fl-Artiklu 17, sezzjoni Kummissjonijiet.

***Il-mozzjoni tgħid hekk:***
**Nipproponi din l-emenda: Jiżdied l-artiklu 17.6, li jaqra is-sottostanti** ***"votazzjoni pubblika onlajn għandha tissejjaħ fi żmien ħmistax (15) il-jum utli minn meta din it-talba tiġi approvata mill-Kummisjoni Edukazzjoni jew Kummissjoni Politika Soċjali.***

A3 Mozzjoni proposta minn Wayne Sammut u sekondata minn Ian Zahra. Jipproponi ammenda fl-Artiklu 17, sezzjoni Kummissjonijiet.

***Il-mozzjoni tgħid hekk:***
***Jiżdied l-artiklu 17.7 li jaqra:***
***"l-iskop aħħari tal-artiklu 17.5 huwa li jistabbilixxi direzzjoni ċara demokratika sabiex l-istudent ikollu l-għażla li jirrikorri għal vot dirett jew vot indirett."***



HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

A4 Mozzjoni proposta minn Wayne Sammut u sekondata minn Ian Zahra. Jipproponi ammenda fl-artiklu 17, sezzjoni Kummissjonijiet.

***Il-mozzjoni taqra hekk:***
***Jiżdied l-artiklu 17.8 li jaqra: "Huwa fid-dmir tal-Kummissjoni Edukazzjoni jew Kummissjoni Politika Socjali li, jimmodifika fejn iħoss li hemm bżonn il-proposta mressqa,u jippreżenta verżjoni ġdida ta' din il-proposta lill-proponent. F'każ ta' dan , il-proponent jagħżel li japprova jew jerġa jippreżenta veżjoni ġdida lill KE jew KPS fi zmien seba (7) tijiem. Hawnhekk, il-KE jew KPS jieħdu l-ahhar decizjoni jekk iwwaqqa jekk iwwaqqafx il-proposta jew jaċċettaha."***

A5 Mozzjoni proposta minn Rebecca Micallef u ssekondata minn Andrew Muscat. Tipproponi ammenda fl-artiklu 28, sezzjoni Taqsima 4: Proċedura ghall-Laqgħa Ġenerali.

***Il-mozzjoni taqra hekk:***
***Nipproponi din l-emenda: Kull kandidat għandu jiġi nominat għal kariga partikolari minn dawk li skond l-istatut (klawsola 32 tal-Appendiċi) jiġu eletti direttament mill-membri . Kull kandidatura trid titressaq bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali, tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel ma' tibda' il-Laqgħa ĠeneraliAnnwali.***

A1 Tibda diskuzzjoni fuq mozzjoni A1 mressqa minn Gayle Lynn Callus. Gayle Lynn Callus jispjega li l-mozzjonijiet A1, A2, A3 u A4, huma simili ħafna u jaqaw taħt l-istess artiklu. Waħda ma treġġiex mingħajr l-oħra, għaldaqstant is-Sur Callus talab illi dawn il mozzjonijiet jingħaqdu kollha f'waħda u tiġi mressqa mozzjoni waħda biss. Din il-proposta mressqa minn Gayle Lynn Callus ġiet issekondata minn Raquel Cutajar. Kemm Ian Zahra u Wayne Agius qablu mas Sur Callus.

Is Sur Callus jipproponi hekk:

***17.5.1 Membru sħiħ jista' jagħmel talba bil-miktub lill-KE jew KPS sabiex jsir stħarrig online fost il-Membri dwar tema ta' natura edukattiva jew ta' politika soċjali. 17.5.2 Din it-talba għandha tiġi diskussa mill-Kummissjoni rispettiva u għandha titressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Membri wara l-approvazzjoni ta' 2/3 preżenti tal-membri tal-Kummisjoni konċernata fi żmien ħmistax (15)il- ġurnata utli mill-approvazzjoni. 17.5.3 Il-Kummissjoni konċernata għandha tara li dan l-istħarriġ jitwassal lill-Membri kollha f'format online. 17.5.3 Il-votazzjoni online għandha tkun meqjusa bħala waħda ta' konsultazzjoni sabiex fuqha titmexxa l-poltika tal-KSU.***

Billi ma sarux l-ebda oġġezzjonijiet, is-Sedja sejjaħ il-vot u jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mija sebgħa u tmenin (187).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra** | **0** |
| **Astensjonijiet** | **15** |
| **Voti favur** | **172** |



HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

Il-mozzjoni tiġi approvata.

Rebecca Micallef spjegat ir –raġuni u l–motif li ttressqet il-mozzjoni A2. La darba ma sarux l-ebda domandi, gie msejjaħ il-vot u li jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mija tmienja u sebgħin (187).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra** | **0** |
| **Astensjonijiet** | **15** |
| **Voti favur** | **172** |

Il-mozzjoni tiġi approvata.

## 12. Ħatra tal-Kummissjoni Elettorali

Michael Agius jgħid li l-ewwel ser jiġi elett il-Kap Kummissarju u wara jinfetħu nominazzjonijiet għall-membri tal-Kummissjoni.

Ian Zahra, President tal-SDM jinnomina lil Duncan Muscat bħala Kap Kummissarju u dan jiġi sekondat minn Neil Smart.

Jingħalqu l-bibien u s-Sedja ssejjaħ il-vot. Nies fis-sala mija sitta u tmenin (186).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra** | **0** |
| **Astensjonijiet** | **15** |
| **Voti Favur** | **171** |

Il-Kap Kummissarju jiġi approvat.

Is-Sedja jitlob sabiex jiġu nnominati l-membri tal-Kummissjoni Elettorali. Dawn ikunu:

Thomas Vella – Nominat minn Ian Zahra ; Sekondat minn Neil Smart
Jurgen Seychell – Nominat minn Ian Zahra; Sekondat minn Neil Smart
Andre Farrugia – Nominat minn Ian Zahra; Sekondat minn Neil Smart
Maria Dimech – Nominata minn Ian Zahra; Sekondata minn Neil Smart
Leo Muscat – Nominat minn Ian Zahra; Sekondat minn Neil Smart
Clive Aquilina – Nominat minn Wayne Sammut; Sekondat minn Earton Mifsud
Lucianne Galea – Nominata minn Wayne Sammut; Sekondata min Earton Mifsud
Isaac Spiteri – Nominat minn Wayne Sammut; Sekondat minn Earton Mifsud
Brandon Zerafa – Nominat minn Wayne Sammut; Sekondat minn Earton Mifsud
Kelton Mizzi – Nominat minn Wayne Sammut; Sekondat min Earton Mifsud

**Riżervi:**
Ernest Mercieca – Nominat minn Ian Zahra; Sekondat minn Neil Smart
Beppe Degiorgio - Nominat minn Ian Zahra; Sekondat minn Neil Smart

Is-Sedja jerġa' jaqra l-lista finali tal-Kummissjoni Elettorali. Huwa jsejjaħ għall-vot u jitlob biex jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mija sebgħa u sebgħin (177).



HSBC 89.7 Bay KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

**Voti Kontra:** **0**
**Astensjonijiet:** **20**
**Voti Favur:** **157**

Il-Kummisjoni Elettorali tigi maħtura.

Is-Sedja jirringrazzja lil membri ta l-Eżekkuttiv fi ħdan il-KSU u dawk li ha jilħqu fil-kumitat il-ġdid. Jirringrazzja ukoll lil dawk kollha preżenti. Il-Laqgħa Ġenerali tintemm.


HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

HSBC
KPMG
TOYOTA
MALTA PUBLIC TRANSPORT

HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT

HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT